MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 19/2014

**Wolf Rudiger vom Schloss u Kathleen vom Schloss**

**vs**

**David Cremona**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat nhar it-23 ta' Jannar 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut jhallashom is-somma ta' ghaxart elef u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€10,016.44) rapprezentanti ammont dovut f'interessi fuq self kif jidher mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok A) fl-atti tan-nutar Rachel Busuttil datat 23 ta' Ottubru 2012 u li huwa baqa' ma hallasx anki wara diversi interpellazzjonijiet da parte tar-rikorrenti fosthom ittra ufficjali bin-numru 2906/13 (Dok. B) datata 27 ta' Novembru 2013 sabiex tersaq ghal dan il-hlas.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u l-interessi legali.

Rat ir-risposta tal-konvenut David Cremona li giet prezentata fis-7 ta' Frar 2014 fejn eccepixxa:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dana billi d-debitu principali gja thallas lura fl-intier tieghu ghas-saldu meta sar 20 ta' Novembru 2013 kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*
2. *Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija inammissibbli billi, la darba l-kreditu principali gia thallas allura qatt ma tista' treggi talba ghall-hlas ta' interessi/imghaxijiet fuq ammont imhallas – illi f'kazijiet ta' hlas lura ta' debitu, ma kull pagament li jsir, l-ewwel li jithallsu huma l-interessi/imghaxijiet u wara isir it-tnaqqis mill-kapital dovut.*
3. *Illi, ghal skopijiet ta' spejjez ta' dawn il-proceduri, l-esponenti gja cahad u irrespinga l-pretenzjoni tal-atturi kif dedott fl-imsemmija ittra ufficjali 2906/2013.*
4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota tal-attur Wolf Rudiger vom Schloss li gietipprezentata fil-25 ta' Marzu 2014 li permezz taghha pprezenta affidavit tieghu stess.

Rat l-affidavit tal-attur bil-lingwa Ingliza fejn iddikjara li f'April tas-sena 2008, il-konvenut David Cremona kien mar fuqu u fuq martu Kathleen u talabhom loan ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). L-attur tah dan id-dejn bil-garanzija li jigi mhallas lura sa Dicembru tal-istess sena. F'Dicembru tas-sena 2008, il-konvenut mar fid-dar taghhom bhal ma kien jaghmel regolarment izda minflok li hallas id-dejn huwa talabhom loan ohra ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). L-attur accetta pero' din id-darba ghamillu kundizzjoni li jkun hemm rata' ta' imghax ta' 5% applikabbli fuq l-ammont kollu (€50,000). Il-konvenut accetta din il-kundizzjoni. L-attur stqarr illi accetta li jaghtih din is-somma ulterjuri ghax jaf li dak iz-zmien il-konvenut kien ghaddej minn problemi finanzjarji.

L-attur spjega li dak iz-zmien kienu qablu bejniethom illi d-dejn kien ser jithallas meta tinbiegh Villa Roston li hija proprjeta li tappartjeni lilhom b'successjoni. Il-konvenut huwa real estate agent u kien infurmah li l-villa kienet ser tinbiegh facilment u l-perjodu massimu jkun dak ta' tliet xhur.

Xi zmien wara f'Marzu jew April tas-sena 2009, David Cremona kien offrielu gradenza antika li kien wiret minghand il-genituri tieghu ghax kien jaf li l-atturi kienu nteressati fiha ghall-valur ta' €7,500. Peress li kienu hadu in konsiderazzjoni l-imghax dovut mill-konvenut, huma ddecidew li jnaqqsu s-somma dovuta ghax-xiri tal-gradenza ghal €5,000. F'Settembru 2009 huwa kkuntatja lir-restawratur Joseph Buhagiar, fuq rakkomandazzjoni ta' Joseph Sammut. F'Jannar 2010 l-gradenza kienet restawrata u ttiehdet ir-residenza tal-attur il-Madliena. Huwa hallas lis-Sur Buhagiar is-somma ta' elf ewro (€1,000) ghar-restawrazzjoni.

Fil-presenza ta’ Mr. Reinhard Drescher li huwa habib tal-attur, huma qablu bejniethom li jekk Villa Roston tinbiegh, l-ammont dovut plus l-imghax ghandu jithallas mir-rikavat tal-bejgh mix-*share* tieghu li jmissu l-konvenut. Sfortunatament minflok hallas id-dejn li kellu, il-konvenut talab loan ohra ta’ hamsin elf ewro (€50,000). L-atturi tawhielu l-loan pero’ nfurmawh li din is-sitwazzjoni ma setghatx tibqa’ sejra kif inhi. Huwa staqsihom jekk kienux lesti li jaccettaw li x-*share* tieghu minn Villa Roston tkun f’isimhom minnflok.

L-attur spjega li fuq parir ta’ nutar, fit-23 ta’ Ottubru, 2012 David dahal f’*constitution of debt* (kopja taghha annessa mal-affidavit u hi mmarkata bhala Dok. W1) fejn id-dejn ta’ mitt elf ewro (€100,000) u c-*charges* u l-imghax bl-oghla rata permessa bil-ligi tkun *secured* permezz ta’ ipoteka specjali ghall-ammont ta’ mitt elf ewro (€100,000) u c-*charges* u l-imghax fuq David Cremona’s ¼ undivided share fuq il-proprjeta’ ‘Villa Roston’, 22, Triq Sir Augusto Bartolo, Ta’ Xbiex.

Fl-20 ta’ Novembru, 2013 sar il-kuntratt tal-bejgh tal-proprjeta’ ‘Villa Roston’ (kopja ta’ liema tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. W2) u kien dakinhar li z-zewg atturi kellhom jircievu l-mitt elf ewro (€100,000) u c-*charges* u l-imghax. Pero’ gara illi meta kienu l-bank biex jiffirmaw il-kuntratt, il-konvenut irrifjuta li jhallas aktar mill-ammont ta’ mitt elf ewro (€100,000). L-attur stqarr illi peress li kien qed jahdem sabiex il-villa tinbiegh huwa accetta l-pagament ta’ mitt elf ewro (€100,000) pero’ ghamilha cara li kien ser ifittxu ghall-bilanc dovut lilu li huwa l-imghax kif imsemmi fil-*constitution of debt* (Dok. W1).

Rat in-nota tal-attur Wold Rudiger vom Schloss li giet ipprezentata fl-14 ta’ April 2014 li permezz taghha pprezenta affidavit ta’ Joseph Buhagiar.

**Joseph Buhagiar** fl-affidavit tieghu iddikjara li l-attur kien qallu li kien ghadu kemm xtara bicca antikita' minghand David Cremona, li kienet tikkonsisti minn gradenza, u li talab lix-xhud biex jirrestawrahielu. Fl-ahhar tas-sena 2009, ix-xhud organizza t-trasport necessarju sabiex din il-gradenza tingabar minn Villa Roston gewwa Sit Augustus Bartolo, Ta' Xbiex u ttiehdet il-hanut tax-xhud. Ix-xhud spjega li f'Jannar tas-sena 2010 huwa lesta r-restawr tal-gradenza u ghalhekk ghamel l-arrangamenti necessarji sabiex din tigi ritornata fir-residenza tal-attur gewwa l-Madliena.

Rat in-nota tal-attur Wolf Rudiger vom Schloss li giet ipprezentata fl-14 ta' Mejju 2014 li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Reinhard Drescher.

Rat l-affidavit ta' **Reinhard Drescher** li gie pprezentat bil-lingwa Ingliza permezz ta' nota tal-atturi nhar l-14 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li l-attur kien habib kbir tieghu mis-sena 1980 u ghalhekk kien ta' spiss jghidlu bl-issues li kellu bejnu u bejn David Cremona l-konvenut. Ix-xhud spjega li f'Marzu tas-sena 2008 il-konvenut kien avvicina lill-attur u lill-mara tieghu u talabhom loan ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000). L-attur kien tah dan l-ammont bl-intendiment li David ihallsu lura sa Dicembru tal-istess sena. Ix-xhud jaf li fil-fatt f'Dicembru David ma kienx hallas is-somma li l-attur kien sellfu izda talbu loan ohra ta' erbgha u ghoxrin elf ewro (€24,000). Wolf tah din is-somma wkoll u b'hekk id-dejn totali gie jammonta ghal hamsin elf ewro (€50,000). Huma kienu qablu bejniethom li d-dejn ikun imhallas bil-bejgh ta' Villa Roston li huma kienu s-sidien taghha flimkien.

Ix-xhud jiftakar li fis-sena 2009 il-konvenut kien offra lill-attur gradenza antika li kien wiret minghand il-genituri tieghu u l-attur qabel li johodha ghal prezz ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500). Peress li David kellu ammont kbir ta' nteressi li

kienu dovuti lill-attur huma qablu li jnaqqsu s-somma dovuta ghal hamest elef ewro (€5,000) permezz tal-akkwist ta' din l-antikita. Ix-xhud jaf li l-attur kien qabbad lil Joseph Buhagiar sabiex jirrestawra l-gradenza u filfatt kien lestiha sal-bidu tas-sena 2010 u wara ttiehdet fid-dar tal-attur gewwa l-Madliena. Ix-xhud kien ra l-gradenza wara.

Ix-xhud ikkonferma li l-attur u l-konvenut kienu ftehmu fil-presenza tieghu xi zmien fis-sena 2009 illi jekk Villa Roston kellha tinbiegh, id-dejn tal-konvenut kellu jithallas mill-qliegh tal-villa bhala ¼ share tieghu.

**L-attur Wolf Rudiger Vom Schloss** xehed bil-lingwa Ingliza fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn ghamel referenza ghall-affidavit tieghu li jinsab ezebit fl-atti a fol 19 partikolarment ghat-tielet punt fejn qieghed jiddikjara li l-interess huwa dovut bir-rata ta' hamsa fil-mija fis-sena. Filfatt din kellha tkun rata ta' sitta fil-mija. Huwa ddikjara li fil-verita' din ir-rata kellha minn dejjem tkun rata ta' sitta fil-mija. Huwa qal li kellha tkun rata ta' tlieta fil-mija.

L-attur jaf illi David Cremona kien kellem lilu u lil mara tieghu u talabhom jekk setghux jaghtuh loan. Eventwalment tawh loan ta' mitt elf ewro. David Cremona kien offrielhom li jhallashom bir-rata ta' nteress ta' tmienja fil-mija fis-sena. Ghalhekk iffirmaw ftehim fl-ufficju tan-nutar. Huwa stqarr illi fil-verita' huma ftehmu fuq rata ta' nteress ta' 8.75 li hija r-rata ta' nteress rejali li hadu mir-Royal Bank of Scotland. L-attur iddikjara li n-nutar u huwa stess ma kinux certu fuq ir-rata ta' nteress massima permissibbli bil-ligi u kien ghalhekk li n-nutar kiteb 8% jew ir-rata massimma permissibbli bil-ligi Maltija.

Huwa spjega li l-ammont ta’ ghaxart elef u sittax punt erbgha u erbghin li qed jitlob tirraprezenta l-interess fuq l-ammont misluf lill-konvenut. L-attur qal li l-interess beda jiddekorri mill-ewwel gurnata li l-konvenut iffirma l-ftehim ghand in-nutar, liema ftehim jinsab esebit a fol 21 tal-atti u mmarkat bhala Doc. N1. Huwa jaf li l-interess kien dovut mit-23 ta’ Ottubru 2012, li hija d-data ta’ meta l-kuntratt gie ffirmat pero’ mhux cert jekk hux sad-data tal-ittra ufficjali 27 ta’ Novembru 2013 jew id-data ta’ meta din il-kawza gietipprezentata u cioe’ 23 ta’ Jannar 2014. Huwa prometta li fis-seduta li jmiss ser jesebixxi dokument li bih jispjega t-talba attrici tieghu.

L-attur **Wolf Rudiger Vom Schloss** kompla jixhed fit-22 ta’ Ottubru 2014 bil-lingwa Ingliza fejn ezebixxa dokument li jispjega l-pretensjoni tieghu. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument VS. Huwa kkonferma li meta kien iffirma l-kuntratt tad-dejn li jinsab ezebit fl-atti a fol 21, dakinhar David Cremona kellu dejn mal-atturi fl-ammont ta’ mitt elf ewro. L-attur spjega li qabel ma ffirmaw dan il-ftehim kien hemm loans ohra u kkonferma li fit-23 ta’ Ottubru 2012 is-somma dovuta lill-attur u lill-mara tieghu kienet ta’ mitt elf ewro. L-attur ikkonferma wkoll li qed jippretendi rata ta’ nteress ta’ 8% fuq l-ammont ta’ mitt elf ewro. Dan l-ammont gie mhallas lura lilu fl-20 ta’ Novembru, 2013. Mistoqsi ghaliex ma gabarx l-interess dovut dakinhar li gabar is-somma wiegeb li l-konvenut David Cremona rrifjuta li jhallas l-interess. Huwa cahad dak li gie suggerit lilu li kien qed jippretendi rata ta’ 5.5% minghand David Cremona. Filfatt l-attur esebixxa e-mail li kien ircieva minghand David Cremona fejn huwa kien ried jissellef somma ta’ flus ohra bir-rata ta’ nteress ta’ 8% liema email giet immarkata mill-Qorti bhala dokument VS1.

Mistoqsi jekk kienx ircieva gradenza wiegeb li iva kien irceviha minghand il-konvenut u kienu vvalutawha fl-ammont ta’ sebat elef u hames mija. Huwa spjega li kienu qablu l-partijiet bejniethom illi din il-gradenza kienet ser taghmel tajjeb ghall-interess dovut lilu minn dejn precedenti fl-ammont ta’ hamsin elf ewro u kien

zamm dawn il-flus ghal erba' snin. Huwa sostna li din il-gradenza m'ghandha x'taqsam xejn mal-mitt elf ewro dejn in kwistjoni. Huwa spjega wkoll illi f'Marzu 2008, Mr Cremona kien issellef is-somma ta' ghoxrin elf ewro bil-ftehim li jhallsu lura f'Dicembru 2008 imma minflok hallas lura dan l-ammont f'Dicembru 2008 huma sellfuh ammont iehor ta' sitta u ghoxrin elf ewro u ghalhekk sa Dicembru 2008 David Cremona kien issellef is-somma ta' hamsin elf ewro. Huwa stqarr illi dawn il-hamsin elf ma thallsux lura lilu izda gew inkluzi fil-ftehim tal-loan tal-mitt elf ewro.

**Il-konvenut David Cremona** xehed fit-22 ta' Ottubru 2014 bil-lingwa Ingliza fejn ikkonferma li huwa ssellef il-flus minghand l-attur. Pero' huwa ddecieda fit-23 ta' Ottubru 2012 li jghaqqad id-dejn kollu tieghu mal-attur fi ftehim wiehed ta' dejn u l-ammont kollu li ssellef minghand l-attur kien jammonta ghal mitt elf ewro kif stabbilit fil-kuntratt. Huwa spjega li kienu ftehmu li jzidu r-rata ta' nteress biex jaghmel tajjeb ghad-dejn precedenti. Huwa kkonferma illi l-ammont ta' mitt elf ewro msemmi fil-ftehim tad-dejn huwa l-ammont ta' flus li huwa kien issellef minghand ohtu u zewgha l-attur. Huwa ma jiftakarx li kien iffirma xi ftehim iehor quddiem in-nutar rigward il-flus li ssellef minghand l-attur. Id-dokument li jinsab esebit a fol 21 jissupresjedi l-ftehim li kien hemm qabel. Huwa kkonferma li qabel dan il-ftehim kien hemm hafna drabi fejn issellfu l-flus minghand xulxin.

Il-konvenut jiftakar li kellu gradenza li l-atturi kienu wrew interess fiha. Huwa kien tahielhom bil-hsieb li l-valur ikun imnaqqas mill-interess dovut. Il-gradenza in kwistjoni kien tahielu xi sena jew sena u nofs qabel ma sar il-ftehim ezebit a fol 21.

Meta l-konvenut kien iffirma l-ftehim ghall-bejgh tad-dar tieghu kien hemm prezenti Dr Depasquale u kien staqsieh x'kien ser jaghmel fuq l-interess dovut tas-somma li kien issellef minghand l-attur. Huwa kien wiegbu li kien ta l-gradenza lill-

attur ghas-somma ta’ sebat elef u hames mitt ewro liema somma kienet ser titnaqqas mill-interess dovut. Pero’ dak iz-zmien Dr Depasquale u l-attur kienu hargu mill-kamra u sar il-bejgh. Huwa jaqbel li l-gradenza nghatat lill-attur qabel ma sar il-ftehim a fol 21. Huwa ma jafx ghaliex din il-gradenza ma tissemmiex fil-kuntratt li sar quddiem in-nutar. Il-konvenut ma hasibx li seta’ kien hemm din il-problema u kkonferma li din il-gradenza qatt ma thallas ghaliha ghax kien ser jitnaqqas mill-interess. Huwa spjega li kien hemm interessi dovuti rigward il-flus li kien issellef minn qabel minghand l-attur u kien ghalhekk li meta sar il-ftehim kien hemm rata ta’ nteress gholja. Huwa sostna li qatt ma hallas interessi f’loans precedenti.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2014 l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza l-atturi qed jitolbu li jithallsu s-somma ta’ ghaxart elef u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€10,016.44) rapprezentanti din is-somma interessi dovuti lilhom fuq self li huma ghamlu lill-konvenut permezz ta’ kuntratt datat 23 ta’ Ottubru 2012 redatt min-nutar Rachel Busuttil u dan bl-interess ta’ 8%. Bhala fatt mhux kontestat li l-konvenut kien ssellef diversi somom ta’ flus minghand l-atturi u fl-ahhar kienu ddecidew li jorbtu l-ammont kollu dovut lill-attur permezz ta’ kuntratt kostituzzjoni ta’ debitu redatt min-nutar Rachel Busuttil fejn il-konvenut kien intrabat li jhallas lura is-somma ta’ mitt elf ewro (€100,000) bl-interessi ta’ 8%. Illi jirrizulta li l-konvenut hallas lura din is-somma mislufa minnu ta’ mitt elf ewro (€100,000) dak in-nhar li bieghet il-Villa maghrufa bl-isem Villa Roston li mart l-attur kellha mal-konvenut bhala eredi tal-genituri taghhom. Jirrizulta wkoll li ghalhekk fl-20 ta’ Novembru 2014 il-konvenut hallas lill-attur id-debitu tieghu

pero’ kien ghad fadal li jhallas l-interessi fuq tali somma. Il-konvenut meta kien fuq il-pedana tax-xhieda jammetti li ma hallasx l-interessi dovuti fuq din il-kostituzzjoni ta’ debitu ta’ mitt elf ewro (€100,000), ghalkemm jghid li fil-passat kien hallas hafna nteressi u sahansitra anke kien tah gredenza antika li giet stmata bejniethomn ghal valur ta’ sebat elef u hames mitt ewro (€7,500). Jinghad pero’ li din il-gradenza giet migbura mill-attur u mehuda ghand ir-restawratur tieghu qabel ma gie ffirmat il-kostituzzjoni ta’ debitu.

Illum-il gurnata ghalhekk bejn il-partijiet l-ahhar ftehim bil-miktub li kien hemm huwa l-kuntratt redatt min-nutar Rachel Busuttil li jidfen kull ftehim precedenti ghalih.

L-attur ghalhekk qed jikkontendi li l-konvenut ghandu jhallsu l-interessi ta’ tmienja fil-mija (8%) ghall-perjodu ta’ bejn l-24 ta’ Ottubru 2012 (id-data tal-kuntratt) sal-20 ta’ Novembru 2013 li jammontaw ghas-somma ta’ tmint elef, hames mija u wiehed u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€8,591.78).

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li huwa minnu li ma hallasx l-interessi dovuti fuq l-ammont misluf minnu pero’ jemmen li skond il-ligi bil-flus li huwa hallas u cioe’ l-ammont ta’ mitt elf ewro (€100,000) l-azzjoni principali llum tinsab estinta u ghalhekk l-attur m’ghandux dritt jikkjama l-interessi dovuti stante li l-azzjoni principali hija estinta. In oltre bla pregudizzju ghal din id-difiza jaghmel referenza ghall-**Artikolu 1169 tal-Kodici Civili** li jipprovdi li l-flus li jithalsu minn debitur lejn il-kreditur tieghu l-ewwel imorru sabiex ihallsu l-interessi dovuti u mhux is-sorte u stante li l-attur stess qed jghid li s-sorte huwa mhallas allura jfisser li l-interessi gew imhallsa wkoll.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt esebit fl-atti redatt min Nutar Rachel Busuttil u tirritjeni li m'hemmx dubju li *"li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu interpretati in bona fede*" (**"Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" -** P.A. (W.G.) 30 ta' April 1987).

Illi kif gie mfisser fis-sentenza **"Malta Development Limited vs Zet Limited"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru, 1999):

*"Illi fuq kollox din il-konkluzjoni hija applikazzjoni tal-principji esposti mill-ligi u mill-Qrati taghna illi "hija regola fondamentali tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede…".*

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru 2003 (Citazzjoni Numru 1348/2000/TM) fil-kawza fl-ismijiet '**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe'** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

"Il-*principju pacta sunt servanda* huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat. Ara wkoll **Beacon vs Spiteri Staines**, App 05/10/1998; **Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri et**, PA 30/05/2002; **Paul Camilleri et vs Joseph Glanville et**, PA 28/04/2003); **Mary Pace vs C. Fino & Sons Ltd**, App Inf 17/02/2003; **Tigne vs Borg**, App Inf 04/10/2011.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited**', deciza mill-Prim'Awla nhar it-30 ta' Ottubru 2003 inghad li:

*"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti idahhal f'dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali"* (Appell 31.5.1943 **Farrugia vs Piscopo**)

Il-principju *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur* jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita ghandhom ikunu supremi (Appell 15.12.1947 **Mercieca vs Pace** Vol XX111 .1.pagna 603).

Issa fil-kaz in ezami l-konvenut qed jghid li jekk din il-Qorti tasal biex taccetta t-tezi tal-atturi li l-ammont mitluba minnhom huwa dovut irid jitnaqqas il-valur tal-gradenza u cioe' s-somma ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) liema gradenza kienu gja ftehmu dwarha qabel ma gie ffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu. Jinghad li din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali u dan ghaliex kieku kien minnu meta l-konvenut hallas lill-atturi l-mitt elf ewro (€100,000) kien izomm riserva favur tieghu tas-somma ta' sebat elef u hames mitt ewro bhala parti mill-interessi dovuti lill-atturi. Pero' ma ghamel xejn minn dan u ghalhekk stante li dan il-kuntratt jissupera kwalsiasi ftehim li l-partijiet setghu ghamlu qabel, huwa dan il-ftehim ahhari li ghandu jirbah u jorbot il-partijiet.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru, 1983 **Albert Brincat et vs Ant Saliba pro et noe** il-Qorti kienet qalet illi ma kienx permessibli li jingieb xhieda orali biex tigi spjegata skrittura privata illi kienet cara u li ma kienet thalli l-ebda

dubju. Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman li *"Quoties in verbis nulla est ambiguitas ibi nulla exposito verba fienda est".*

**Ghaldaqstant din il-Qorti rat li t-talba tal-atturi hija gustifikata u ghalhekk qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tordna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma pretiza minnhom fir-rikors promotur fl-ammont ta' ghaxart elef u sittax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€10,016.44).**

**L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 2906/13 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut u l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru mill-jum tan-notifika ta' l-ittra ufficjali u cioe' mit-3 ta' Dicembru 2013 (fol. 4 tergo).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------